MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

17 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Caruana u Brincat li waslu 5.32pm u 5.41pm rispettivament. Il-laqgħa bdiet fil-ħin minħabba li kien hemm quorum.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sur Victor Galea qal li xtaq jitkellem fuq it-tender tal-knis ħabba numru ta' kenniesa. Is-Sur Cordina qal li din ġa ħarġet u qegħda fil-fażi ta' evalwazzjoni.

Is-Sindku talab sospensjoni biex jitkellem is-Sur Ray Borg. Is-Sur Borg beda billi saqsa fuq l-isem tat-triq minhabba li Triq A Durer u Triq ir-Ruzell huma dritti ma' xulxin u bl-istess numru. Is-Sur Cordina qal li dan l-issue ga ġie diskuss mad-*Door Numbering Unit* fejn ġie suġġerit li din it-triq issir triq b'isem wieħed. Hu saqsa jekk id-djar humiex kollha numerati. Is-Sur Cordina qal li sa fejn jaf hu huma kollha numerati imma zgur li jridu jiġu rranġati jekk it-triq ha jinbidlilha l-isem. Is-Sur Borg kompla jirreferi għall-qasab u ħaxix fi Triq ir-Ruzell. Hu talab li jitnaddaf l-materjal u ġebel u jidħlu ftit 'l ġewwa mill-għalqa. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ma jistax iġib inġenji biex jitnaddfu propjeta' privata. L-Avukata Caruana qalet biex fil-każ jitnaddaf dak li jaqa' fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li m'hemmx bankina u lanqas ħajt imma għandu jitnaddaf kif suppost. Is-Sur Borg talab biex tintbagħat ittra lis-sidien biex inaddfuha. Is-Sur Cordina qal li jekk hu possibli u l-Kunsill ikollu nformazzjoni ta' min hi, dan isir.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

4.3.1 Xiri ta' vann 4 *seater* bil-kaxxa wara sa massimu ta' €15,000. Is-Sur Galea saqsa jekk hux Vat inkluż. Is-Sur Cordina qal li dan jista' jinxtara mill-fondi li r-Reġjun se jgħaddi lill-Kunsill dalwaqt.

4.3.2 Tindif ġenerali ta' Pjazza Tumas Dingli li se jiswa' madwar €600 bla VAT. Is-Sur Galea qal li l-importanti li ma jingħalqux il-pori għax jitla' l-fungus. L-Avukata Caruana reġgħet tenniet fuq l-iskips fil-Pjazza. Is-Sur Cordina qal li jekk xi ħadd għandu xi soluzzjoni jitkellem imma sakemm ma tinstabx soluzzjoni m'hemmx olternattivi oħra. Is-Sur Bonnici semma wkoll is-CCTV's. Is-Sur Cordina qal li saret il-manutenzjoni fuq il-cameras minħabba xi ħsarat u qed jiġu *claimed* mill-Insurance. Kulħadd qabel li jsir t-tindif isir.

4.3.3 Talba sabiex isiru korsijiet tal-*First Aid,* mis-St. John Ambulance bi stima ta' €35 kull persuna fi gruppi ta' 12-il persuna kull grupp b'total ta' €420 kull grupp. Ġie baġijat l-ammont ta' €1000 li jkopri żewġ gruppi. Dan il-kors se jsir is-sena d-dieħla u jintbagħat leaflet fid-djar meta jasal iż-żmien.

4.3.4 L-Attard Subbuteo Club li se jieħdu sehem f'kompetizzjoni tal-Europa League fil-Portugal u dawn qed jitolbu l-għanjuna sabiex jew jinxtraw 20 flokk jew 12-il kit. Il-Kunsill qabel li jinxtraw il-kits għall-prezz ta' €510.

4.3.5 Talba sabiex issir preżetazzjoni għall-Proġett sabiex in-nies ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-Kunsill via Whats App, imejl u sms mill-mobiles tagħhom. Is-Sur Cordina propona li l-preżentazzjoni ssir fil-laqgħa li jmiss. Kulħadd qabel.

4.3.6 Propona li jitneħħa l-Bin tal-ħwejjeg minn Triq Victor Vassallo. Kulħadd qabel.

4.3.7 Propona li f'għeluq il-125 jingħata token lil Banda La Stella Levantina. Kulħadd qabel.

4.3.8 The Notebook Centre. Talab lill-Avukata Caruana tagħti rendikont. Hi qalet li ġie maqbul li l-pagament jinqasam f'darbtejn. Li estenda l-offerta għall-ħwienet, impjegati tal-Kunsill, Kunsilliera. L-Avukat Brincat qal li ma hax pjaċir li l-ewwel jiġu jirreġistraw hawn. Is-Sur Bartolo qal li l-offerta għandha tiġi estiża lit-tfal tal-iskola mhux minn Ħ'Attard imma li jattendu l-iskola Primarja dejjem suġġetti għal serviżż ta' darba biss. Kulħadd qabel mal-ispiża u għandu jintbagħat leaflet f'kull dar u business ġo Ħ'Attard

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.4.1 Is-Sur Victor Galea:

- Talab biex jinżabru s-siġar tal-Industrial Zone. Se terġa' tintbagħat reminder.
- Qal li Triq it-Tigan teqleb ħazin. Is-Sur Cordina qal li t-triq għadha tajba u li qed tinżamm lista tal-prijoritajiet tat-toroq sabiex jingħaddew lill-Infrastructure Malta.
- Biex titkompla ż-żebgħa madwar ir-raħal.
- Qal li d-darba li ġejja xtaq jitkellem fuq *open spaces* biex issir *open air gym*.

4.4.2 Is-Sur John Bonnici:

- Qal li hemm problema t'ilma ħiereġ fi Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Cordina qal li din il-problema jafu biha l-*WSC.*
- Qal li hemm problema ta' parkeġġ fuq il-bankina ta' Wied Irmiedi. Is-Sur Cordina qal li jista' jsir rapport lill-LESA u niktbu lill-Transport Malta biex isiru bollards.
- Qal li hemm bicca *unconstructed* fi Triq ir-Rużell. Is-Sur Cordina qal li dik trid issir minn TM.
- Saqsa kemm ingħataw ċitazzjonijiet mill-LESA ġo Ħ'Attard relatati mal-iskart.
- Talab biex issir *sleeping policemen* fi Triq ir-Ruzell. Is-Sur Cordina qal li jekk jaf l-area eżatt jirreferija lill-Kunsill sabiex tintbagħat konsultazzjoni.

4.4.3 Dr. Helen Caruana:

- Ressqet ilment rigward trabijiet fi Triq iż-Zraġen. Irid issir rapport mill-individwu lill-BRO.
- Talbet biex Bin fi Triq Santa Katerina jinbidillu l-barmil.
- Talbet iex tigi mmarkata l-area bl-istops ta' Durumblat, Santa Katerina, Gradilja
- Talbet biex jintbagħat suġġeriment sabiex l-arblu li dejjem jintlaqat fi Triq in-Nutar Zarb isirlu barrier.
- Qalet li Wied Irmiedi ġie mnaddaf
- Talbet sabiex tiġi evalwata l-possibilta' li ssir *Neighbourhood Watch* bħal ma sar fil-Mellieħa, imma li fil-każ ha tara kif titħaddem.
- Qalet li se tagħti risposta fuq il-Business Cards. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet li min jixtieq ritratt kemm jinfurmaha kemm jista' jkun malajr. Hi qalet li ha tibda b'dawk li jkunu taw risposta.

4.4.4 Is-Remigio Bartolo:

- Talab sabiex issir Bye Law fuq il-Junk Mail. Is-Sinjura Connie Scerri ħalliet mumentarjament il-kamra. Is-Sur Cordina qal li jekk issir Bye Law ċertu kumpaniji ħa jispiċċaw bla xogħol għax ma jibda jitqassam l-ebda materjal u jintilef mezz ta' kommunikazzjoni għal min jixtieq. Is-Sinjura Scerri daħlet lura. Ġie deċiż li ssir NO JUNK MAIL bil-logo tal-Kunsill u titqassam madwar Ħ'Attard kollu.
- Tkellem rigward l-Access minn wara għall-Palazz tal-President. Qal li n-nies qed jilmentaw minħabba li l-bieb ta' wara ġie magħluq minħabba kwistjoni ta' sigurta' għall-ħaddiema. Il-bieb qed ikun miftuħ waqt il-quddiesa biss. Kompla billi nfurma l-Kunsill li min-naħa tal-Palazz qed jaħdmu fuq aċċess ieħor.

4.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Qalet li qed tikkoordina fuq għotja ta' *Dart Board* għad-diżabbli sabiex jagħmlu fiżjo terapija.
- Tkellmet fuq iċ-*Chess Tournament* li possibilment se jsir fit-28 ta' Diċembru. Kompliet li bħalha grupp qegħdin ilestu xi fliers u kemm nkunu parteċipi bl-għotja ta' ħames trophies.
- Qalet li fit-22 ta' Settembru hemm il-Blood Mobile Unit
- Qalet li l-Ħadd kien hemm il-maratona u preżentat xi trophies minħabba li s-Sindku kellu jitlaq. Is-Sur Cordina qal li hu dejjem jattendi imma ma kienx possibbli għalih minħabba li ried ikun f'post ieħor.
- Qalet li fit -13 ta' Ottubru ħa jsir it-tberik tal-Annimali u li fuq iż-zumba u Yoga għadha għaddejja bil-ftehim.

4.4.6 Dr. Silvio Brincat;

- Qal li hdejn iz-Zona Industrijali fi Triq il-Linja hemm bozza t-teptep. Din tinsab ġa rappurtata.

## 4.5 Approvazzjoni ta' Business Plan 2019-2019

4.5.1 Ir-rapport ġie approvat wara li ġie spjegat x'inhuma l-proġetti pjanati għal dawn it-tlett snin.

## 4.6 Approvazzjoni ta' Revised Budget 2019

4.6.1 Ir-rapport ġie approvat wara li ġie spjegat x'inhuma l-ammonti li ġew affetwati u t-tibdil li sar.

## 4.7 Ġieħ Ħ'Attard 2019

4.7.1 Is-Sur Cordina propona li jinħatar Bord tal-Għażla u li dan ikun kompost mis-Sinjuri Carmel Camilleri, Norbert Gingell, Pierre Cauchi, Ralph Cassar u l-Imhallef Franco Depasquale. Kulħadd qabel.

## 4.8 Rapporti

4.8.1 Ma kienx hemm rapporti

## 4.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

4.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha tliet talbiet xi tressaq:

Talba mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex iġġedded il-*leave* li hu iktar minn 6 t'ijiem sabiex dan jintuża mal-*leave* tal-maternita'. Galadarba hi tuża l-leave tal-maternita' kollu tixtieq tagħmel użu minn *special unpaid parental leave* u teleworking. Din it-talba ġiet approvata.

Talba sabiex il-Librerija jkollha Assistent Librara nhar ta' Sibt biss u meta tkun indisposta il-Librara. Din it-talba ġiet approvata.

7.22pm Is-Sur John Bonnici ħalla l-kamra.

Talba sabiex il-Bazaar isir b'risq "Smiling for Jerome" bl-output tal-istaff kollu tal-Kunsill. Din it-talba ġiet approvata.

## 4.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

4.10.1 Approvati wara li l-Avukata Caruana saqsiet fuq pagament relatat ma' xogħolijiet ta' culverts jekk dan hux qed isir b'direct order jew tender. Il-pagament sar b'tender

## 4.11 Mozzjonijiet; u

4.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 4.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm u ġiet aġġornata għas-14 ta’ Ottubru 2019 fil-6.00pm.

Konfermati, illum 14 ta’ Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina<br>Sindku | Marica Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |